MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 182/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Dimech**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Dimech talli fit-30 ta' Awissu 2003 ghall-habta tad-9.30 ta' filghodu gewwa Haz-Zebbug (**1**) zamm, ostakola jew xort'ohra fixkel jew ipprova jzomm, jostakola jew ifixkel xi ufficjali jew impjegati ta' [ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar] jew xi ufficjal□l-Awtorita tal-Pulizija, jew ufficjal pubbliku, jew ufficjal jew impjegat ta' xi dipartiment tal-Gvern jew ta' agenzija tal-Gvern jew ta' xi Kunsill Lokali fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu taht il-ligi, jew naqas milli jaghmel dak li ragonevolment gie mitlub li jaghmel minn dik il-persuna kif imsemmi jew li jghinhom fil-qadi tad-dmirijiet taghhom, jew xjentement ta lil dik il-persuna informazzjoni [falza] mehtiega ghall-ghanijiet fuq

imsemmija, (**2**) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Ronnie Vella, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u dan filwaqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, (**3**) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta’ Ronnie Vella liema persuna hija nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew kompetenti, (□ta’ ordni moghti skond il-ligi minn awtorita**4**) ikkaguna feriti [recte: offizi] hfief fuq il-persuna ta’ Ronnie Vella, skond kif iccertifikat mit-Tabib Dr S. Cilia M.D., (**5**) hedded lill-imsemmi Ronnie Vella bil-kliem u stiednu ghall-glied bil-gebel, (**6**) kiser il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku, u (**7**) volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira izda hija izjed minn hamsin lira u liema hsara saret fuq nuccali, u a dannu, ta’ Ronnie Vella;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta’ April 2007 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet hekk:

**“Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu hlief ghall-ahhar akkuza li minnha qed ikun liberat; wara li rat l-artikoli 56(1)(d) tal-Att I tal-1992, 95(1), 96, 221, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kap. 9; rat il-fedina penali refrattarja tal-imputat u tqis illi fic-cirkostanzi piena karcerarja mhix addatta u ghalhekk qed ikun applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9; ghal dawn il-motivi qed tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm1,000.”**;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ppresentat fid-9 ta’ Mejju 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-imsemmi Dimech hati skond l-imputazzjonijiet kollha hlief ghall-ahhar wahda u fejn illiberatu minn din l-ahhar wahda, thassarha u tirrevokaha kwantu ghall-piena inflitta u minflok tinfliggi piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-Gimgha, 6 ta' Lulju 2007; ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma li fil-gurnata indikata fl-imputazzjoni, zewg ufficjali tal-MEPA – fosthom l-*enforcement officer* Ronnie Vella – marru fuq sit f'Haz-Zebbug fejn l-appellat Dimech u persuni ohra kienu qed jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni minkejja li kien hemm ordni ta' twettiq (*enforcement notice*) mahrug mill-istess MEPA biex xoghol ma jsirx. Billi l-appellat, li evidentement kien *in charge* minn dak li kien qed isir, wera bic-car li ma riedx jieqaf mix-xoghol, iz-zewg ufficjali tal-MEPA talbu l-assistenza tal-pulizija. Meta waslu l-pulizija, l-appellat Dimech fost hafna kliem u argumenti, hebb ghal Ronnie Vella billi tah daqqa ta' ponn fuq hugbejh ix-xellugija u kkagunalu tbengila (ara c-certifikat mediku a fol. 27), u wara anke qabad gebla u tefaghha fid-direzzjoni ta' l-istess Vella li pero ma ntlaqatx. L-ewwel qorti sabet lill-appellat hati skond l-imputazzjonijiet kollha hlief ghall-ahhar imputazzjoni – dik ta' hsara volontarja fi proprjeta -- peress illi, kif gustament osservat dik il-qorti fl-imsemmija sentenza, ma ngabet ebda prova dwar din il-hsara.

L-appellant Avukat Generali ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti applikat hazin l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Dana l-artikolu jiddisponi li:

**"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 492 ta' dan il-Kodici, il-qorti tista', <u>ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza</u>, taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, ghad li jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 20, minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fi kliem iehor, biex Qorti ta' Gustizzja Kriminali tinzel taht il-minimu tal-piena stabbilita fil-ligi ghar-reat li jkun, mhux bizzejjed li tghid jew forsi thoss li "fic-cirkostanzi piena karcerarja mhix adatta", ghax b'hekk hija tkun qed

tqieghed lilha nnifisha ‘l fuq mill-ligi billi twarrab, minghajr ma tiggustifika l-agir taghha skond il-ligi, il-piena komminata mill-legislatur ghal dak ir-reat. Il-ligi – u jekk din ma kienitx bizzejjed, anke l-gurisprudenza ta’ din il-Qorti[1] – huma cari: irid ikun hemm ragunijiet (fil-plural) specjali **u** straordinarji, u dawn iridu **jissemmew bir-reqqa kollha** fis-sentenza (“to be expressly stated in detail in the decision…”, fit-test ingliz tal-ligi). Minn dan kollu l-ewwel qorti ma ghamlet xejn. Hija wkoll gurisprudenza stabbilita li mhux kulma l-ewwel qorti tipprospetta fis-sentenza bhala ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom necessarjement jigu accettati mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali bhala tali: ir-ragunijiet specjali u straordinarji migjuba fis-sentenza appellata huma sindakabbli mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghall-finijiet ta’ appell maghmul mill-Avukat Generali (jew mill-parti leza, jekk ikun il-kaz) fir-rigward tal-piena. Huwa proprju ghall-finijiet ta’ tali sindakabilita’ li l-istess artikolu 21 jipprovdi, kif rajna, li dawn ir-ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom “jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza” – kieku kien mod iehor kien ikun ifisser li l-Qorti Inferjuri tista’ ssemmi l-aktar ragunijiet assurdi jew ordinarji u tikkwalifikahom bhala “specjali u straordinarji” u l-Avukat Generali xorta wahda ma jkunx jista’ jappella. Certament din qatt ma kienet l-intenzjoni tal-legislatur. Apparti minn hekk, fis-sentenza appellata l-ewwel qorti kkontradiciet lilha nnifisha meta f’nifs wiehed qalet li l-fedina penali tal-appellat, allura imputat, kienet wahda refrattarja (u f’dan ir-rigward kienet korretta) u fl-istess waqt qalet li “fic-cirkostanzi” piena karcerarja ma kienitx adatta u li ghalhekk kienet ser tinzel taht il-minimu tal-piena. Jekk, kif gie ritenut diversi drabi kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti Kriminali, fedina penali nadifa ma tammontax *per se* ghal ragunijiet specjali u straordinarji ghall-finijiet tal-Artikolu 21 imsemmi, *multo magis* ma tistax tammonta ghal tali ragunijiet il-fedina penali li kellha quddiemha l-ewwel qorti u li kienet turi xejn anqas minn erbgha w tletin

[1] Ara, fost ohrajn, is-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe **Il-Pulizija v. Joseph Difesa** App. Krim. 15/11/1996, u **Il-Pulizija v. Francis Axisa** App. Krim. 17/11/1997.

kundanna[2]. Fost dawn hemm oltragg ghal ufficjal pubbliku (8/2/1994 u 28/2/01), attakk u resistenza kontra ufficjal pubbliku (20/3/1996), li kkaguna offizi fuq il-persuna (10/3/1999, 29/11/02 u 8/5/03), glied (10/3/1999) u truffa (5/10/00). Din il-Qorti, ghalhekk taqbel perfettament ma’ l-Avukat Generali li f’dan il-kaz l-Artikolu 21 gie applikat hazin.

hemm raguni ohra ghala l-Artikolu 21□Pero gie applikat hazin, raguni li anqas l-Avukat Generali ma specifika fir-rikors ta’ appell tieghu. Is-subartikolu (4) ta’ l-Artikolu 56 tal-Kap. 356 jipprovdi tassattivament li l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali kif ukoll id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-*Probation* m’ghandhomx japplikaw ghar-reati li jissemmew fl-imsemmi Artikolu 56. L-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-appellat, u li taghha huwa nstab hati, tipotizza proprju r-reat kontemplat fl-Artikolu 56(1)(d) tal-imsemmi Kap. 356 (l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp).

It-tieni aggravju hu pedissekwu ghall-ewwel wiehed. L-appellant jikkontendi li ma kien hemm ebda ragunijiet specjali u straordinarji li jimmilitaw inzul taht il-minimu. Ufficjali pubblici – bhalma huma *enforcement officers* tal-MEPA – li jkun qed iwettqu servizz hafna drabi taht cirkostanzi difficli jekk mhux personali taghhom ghandhom dritt□addirittura perikoluzi ghall-inkolumita jistennew il-protezzjoni shiha tal-ligi[3]. Inoltre, fejn si tratta ta’ vjolenza fizika, ir-regola ghandha tkun piena b’effett immedjat□restrittiva tal-liberta[4]. Huwa minnu li f’dan il-kaz l-offiza li garrab Ronnie Vella kienet wahda hafifa, u li l-appellat jidher li aktar qabzitlu c-cinga hekk kif ra li z-zewg *enforcement officers* kienu rritornaw akkumpanjati minn , ma tistax tikkondividi□Ufficjali tal-Pulizija. Din il-Qorti, pero l-fehma avanzata mill-abbili difensuri tal-appellat li

---

[2] Fil-mori ta’ dana l-appell giet ezibita l-fedina penali aggornata ta’ l-appellat. Din turi li ma dawk l-34 kundanna jridu jizdiedu disa’ kundanni ohra li gew pronunzjati fil-konfront tieghu minn mindu huwa tressaq akkuzat fuq ir-reati meritu ta’ dana l-appell. Fost dawn hemm kundanna u□ghal oltragg lil ufficjal pubbliku (21/7/04) u hsara volontarja fi proprjeta offiza fuq il-persuna (8/2/06).

[3] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Ivan (John) Felice** App. Krim. 4/6/2002; **Il-Pulizija v. Josienne Bonello** App. Krim. 16/1/2003.

[4] Ara, fost hafna pronunzjamenti ta’ din il-Qorti f’dan is-sens, **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** App. Krim. 9/9/2002 u **Il-Pulizija v. Coronato Portelli** App. Krim. 23/3/2007.

din l-offiza kienet ta’ natura involontarja: apparti li s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti hi dik li hi u ghaddiet in gudikat bla ma l-appellat ipprova jikkontestaha (anzi ssokkomba ghaliha meta quddiem l-ewwel qorti talab zmien ghall-hlas tal-multa), il-fedina penali ta’ l-istess appellat hi indikattiva ta’ karattru irraxxibbli u li ma jahsibha xejn li jaqbad u jerfa’ idu. Sfortunatament jidher li dan il-karattru kompla gie alimentat matul iz-zmien minn pieni miti u kwazi irrizorji u mhux karcerarji li huwa nghata mill-Qrati Inferjuri ghad-diversi misfatti tieghu. Mill-banda l-ohra, mid-data tal-incident meritu ta’ din il-kawza, l-appellat kellu diversi interventi kirurgici u llum il-kundizzjoni ta’ sahhtu ma hix wahda felici ghall-ahhar. L-Artikolu 56(1)(d) tal-Kap. 356 jipprovdi ghall-piena ta’ multa ta’ mhux anqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn hamsin elf lira u piena ta’ prigunerija ta’ mhux anqas minn tlett xhur u mhux aktar minn tlett snin. Ir-reati l-ohra kollha li taghhom l-appellat instab hati jistghu jitqiesu assorbiti f’dan ir-reat l-aktar gravi fis-sens tal-paragrafu (h) tal-Artikolu 17.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokha biss f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant Carmel Dimech ghall-piena ta’ multa ta’ elf lira u minflok, b’applikazzjoni kif inghad tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, tikkundannah ghall-piena ta’ multa ta’ tlett elef lira (Lm3,000), konvertibbli f’sena fi zmien gimgha prigunerija fin-nuqqas ta’ pagament skond il-ligi u cioe mil-lum, kif ukoll tikkundannah ghall-piena ta’ sitt xhur prigunerija, b’dan li, b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali, din pero il-piena ta’ sitt xhur prigunerija m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-periodu operattiv ta’ erba’ snin mill-lum, l-appellat Carmel Dimech jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-Qorti spjegat bi kliem car lil hati tieghu taht l-Artikolu 28B ta’ l-imsemmi Kodici jekk huwa ir-responsabbilta jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija (u dan kif obbligata taghmel skond l-Artikolu 28A(4)), kif ukoll spjegatlu li l-kundizzjoni medika tieghu ma hi ta’ ebda ostakolu li huwa jintbaghat il-habs, sia jekk minhabba li jikkommetti reat kif hawn fuq

imsemmi matul il-periodu operattiv u sia jekk ghax ma jhallasx il-multa fi zmien gimgha kif jipprovdi l-Artikolu 14 tal-Kodici Kriminali. Ghal kull buon fini din il-Qorti qed tirrevoka l-koncessjoni tal-hlas rateali moghti mill-ewwel qorti bid-digriet taghha tad-19 ta' April 2007, u tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghas-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A imsemmi kif ukoll ghad-diversi multi u ammendi li jirrizultaw mill-fedina penali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------